MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 1678/2003

**Deborah Gethin**
**Vs**
**Margaret Agius**

It-Tribunal,

Ra l-avviż fl-ismijiet premessi preżentat fid-29 ta' Awissu, 2003 fejn l-attriċi qed titlob sabiex il-konvenuta tkun ikkundannata tħallas is-somma ta' Lm 350 (tliet mija u ħamsin lira Maltija) bħala ħlas għal servizzi ta' reċtar.

Fl-Avviż tat-talba intqal illi:-

L-ammont ta' tliet mija u ħamsin lira Maltija rappreżentanti ħlas għal servizzi ta' reċtar fit-teleseries L'Aġenzija li xxandru mill-Public Broadcasting Services fuq l-istazzjoni TVM dovuti mill-konvenuta bħala produttriċi ta' l-istess teleseries.

Ra r-risposta tal-konvenuta Margaret Agius fejn ingħad:-

Illi fl-ewwel lok, l-attriċi għandha tindika b'mod preċiż id-data meta l-ammont indikat fl-avviż sar dovut;

Illi ma kien hemm l-ebda ftehim, la verbali u lanqas bil-miktub bejn l-attriċi u l-konvenuta dwar l-ammont fi ħlas li l-istess attriċi kienet ser tirċievi;

Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost l-ammont dovut huwa ferm anqas minn dak pretiż;

Illi l-konvenuta qatt ma ġiet interpellata sabiex tersaq għal ħlas ta' l-ammont mitlub;

Għaldaqstant, it-talba attriċi għandha tiġi miċħuda, bl-ispejjeż kontra l-istes attriċi.

Sema` x-xhieda u eżamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi din il-kawża tikkonċerna talba għal ħlas ta' tliet mija u ħamsin lira Maltija (Lm350) konsistenti f'servizzi professjonali ta' l-attriċi, espletati mill-attriċi fuq inkarigu tal-konvenuta.

Illi ma hemmx qbil bejn il-kontendenti, wara kollox kienu huma t-tnejn li xehdu tramite l-affidavit dwar is-servizzi prestati mill-attriċi u x'effettivament kellha tagħmel u dwar iil-mod ta' pagament. Il-partijiet jaqblu li ma kien hemm l-ebda kuntratt ta' ħlas u f'hiex kellhom jikkonsistu s-servizzi u kif kellu hit. L-attriċi tippretendi ħamsa u għoxrin lira Maltin (Lm 25) kuljum u għat-tnax-il ġurnata li kienet fuq xogħol u l-konvenuta tirribatti billi hija dovuta għoxrin lira Maltin (Lm 20) għal kull ġurnata li ħadmet fl-episodji u ċjoe' ħamsa.

Jibda biex jingħad illi t-talba attriċi qegħda msemmija bħala tliet mija u ħamsin lira Maltija (Lm 350) mentri fl-affidavit l-ammont mitlub huwa ta' tliet mitt mitt lira Maltija (Lm 300), filwaqt li l-konvenuta toffri unikament is-somma ta' mitt lira Maltin (Lm 100). Rinfaċċjat b'tali sitwazzjoni,

it-Tribunal ikollu jirrikorri bil-fors għal ekwita u jiddeċiedi l-kawża fuq prinċipju ta' arbitro boni viri u dana sabiex issir ġustizzja bejn iż-żewġ partijiet. F'tali ċirkostanzi t-Tribunal iħoss li s-somma ta' mitejn u ħamsa u għoxrin lira Maltija (Lm 250) tkun ekwitabbli għaż-żewġ partijiet.

It-Tribunal jiddeċiedi billi jilqa' t-talbiet attriċi in parte u jilqa' l-eċċezzjoni tal-konvenuta in parte u jikkundanna lill-konvenuta tħallas lill-attriċi s-somma ta' mitejn u ħamsa u għoxrin lira Maltija (Lm 225) bl-ispejjeż u nteress kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------